32007H0225

11.4.2007 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 96/21

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' April 2007

## dwar programm koordinat ta' sorveljanza mill-Komunità għall-2007 biex tiġi aċċertata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti u li tikkonċerna programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għall-2008

*(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1452)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/225/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 211 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2)(b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2)(b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE jistipulaw li l-Kummissjoni għandha taħdem b'mod progressiv sabiex tikseb sistema li tkun tista' tippermetti l-istima ta' l-esponiment fid-dieta għall-pestiċidi. Biex isiru valutazzjonijiet realistiċi, it-tagħrif fuq il-monitoraġġ tar-residwi ta' pestiċidi għandu jkun disponibbli f'għadd ta' prodotti ta' l-ikel li jkunu jifformaw parti ewlenija mid-dieta Ewropea. Huwa ġeneralment magħruf li partijiet prinċipali tad-dieta Ewropea huma magħmula minn 20-30 prodott ta' l-ikel. Fid-dawl tar-riżorsi disponibbli fuq il-livell nazzjonali għall-monitoraġġ tar-residwi tal-pestiċidi, l-Istati Membri jistgħu janalizzaw biss kampjuni ta' tmien prodotti kull sena fi ħdan programm koordinat ta' monitoraġġ. L-użi tal-pestiċidi juru tibdil fi ħdan żmien ċikliku ta' tliet snin. Għalhekk ġeneralment għal kull pestiċida jrid isir monitoraġġ f'20-30 prodott ta' l-ikel fuq serje ta' ċikli ta' tliet snin.

(2) Ir-residwi tal-pestiċidi koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni għandhom ikunu sorveljati fl-2007, billi dan jippermetti li din l-informazzjoni tkun tista' tintuża sabiex isiru stimi ta' kemm fil-fatt ikun espost għalihom dak li jittiekel.

(3) Huwa meħtieġ li tittieħed strateġija statistika sistematika għal għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu f'kull eżerċizzju kkoordinat ta' monitoraġġ. Dan il-metodu ġie mfassal mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius ([3]). Fuq bażi ta' distribizzjoni ta' probabbiltà binomjali, jista' jiġi kkalkulat li l-eżaminazzjoni ta' 642-il kampjun twassal b'ċertezza ta' aktar minn 99 %, għall-iskoperta ta' kampjun li jkun fih ammont ta' residwi ta' pestiċidi ogħla minn dak il-limitu ta' determinazzjoni (LOD), bil-kundizzjoni li mhux anqas minn 1 % mill-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jkun fihom residwi ta' livell ogħla minn dak il-limitu. Il-ġbir ta' dawn il-kampjuni jrid ikun proporzjonat bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-popolazzjoni u l-għadd ta' konsumaturi, bil-valur minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott fis-sena.

(4) Linji ta' gwida dwar "il-Proċeduri għall-Kontroll tal-Kwalità fl-Analiżi tal-Fdal tal-Pestiċidi" huma ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni ([4]). l Huwa miftiehem li dawn il-linji ta' gwida għandhom jithaddmu kemm jista' jkun mil-laboratorji ta' l-analiżi ta' l-Istati Membri, u għandhom ikunu riveduti kontinwament fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fil-programm ta' mmonitoraġġ.

([1]) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/11/KE (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 26).

([2]) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/12/KE (ĠU L 59, 27.2.2007, p. 75).

([3]) Codex Alimentarius, Pesticide Residues in Foodstuffs, Ruma, 1994, ISBN 92-5-203271-1; Vol. 2, paġna 372.

([4]) Dokument SANCO/10476/2006), 24 ta' Marzu, http://europa.eu.int/comm/food/plant/protection/resources/qualcontrol_en.pdf.

(5) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi ta' kif jittieħdu l-kampjuni mill-Komunità għall-kontroll uffiċjali tar-residwi tal-pestiċidji ġo u fuq prodotti magħmula minn pjanti u annimali ([1]): Il-metodi li bihom jittieħdu l-kampjuni u l-proċeduri stipulati f'din id-Diretiva jinkorporaw dawk rakkomandati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius.

(6) Id-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE jobbligaw lill-Istati Membri biex jispeċifikaw il-kriterji applikati fit-tfassil tal-programmi nazzjonali dwar l-ispezzjonijiet. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-kriterji applikati fid-determinazzjoni ta' l-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u ta' l-analiżi li għandha issir u l-livelli ta' rappurtar applikati, il-kriterji applikati fit-tfassil tal-livelli ta' rappurtar u d-dettalji dwar l-akkreditazzjoni skond ir-Regolament (KE) 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli uffiċjali li jkunu saru biex jassiguraw il-verifika ta' konformità mal-liġi ta' l-għalf u ta' l-ikel ([2]), kien kkunsidrat l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2076/2005 li jistipula arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) 853/2004 (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jagħti deroga fuq ir-rekwiżiti ta' l-akkreditazzjoni ([3]). L-għadd u t-tip ta' ksur li nstab, u l-azzjoni meħuda għandha tkun indikata wkoll.

(7) Il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi ġew stabbiliti skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE ta' l-14 ta' Mejju 1991 dwar il-ħalib tat-trabi u l-ħalib tat-trabi ta' età iktar minn sitt xhur ([4]) u l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/5/KE, Euratom tas-16 ta' Frar 1996 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq ċereali u ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar ([5]).

(8) L-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza għandha siwi partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament, il-ħażna u t-trażmissjoni b'metodi elettroniċi u ta' l-informatika. Biex l-informazzjoni tintbagħat mill-Istati Membri permezz ta' l-e-mail, ġew żviluppati formats apposta. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, jibagħtu r-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni fil-format stabbilit It-tkomplija ta' l-iżvilupp ta' dan il-format bażiku jkun l-aktar effettiv meta l-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-linji ta' gwida.

(9) Il-miżuri li hemm f'din ir-rakkomandazzjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

HAWNHEKK TIRRAKKOMANDA:

1. L-Istati Membri huma mistiedna, biex matul is-sena 2007, jieħdu u janalizzaw kampjuni għall-kombinazzjonijiet ta' prodott/residwu ta' pestiċida stabbiliti fl-Anness I, fuq il-bażi ta' l-għadd ta' kampjuni għal kull prodott allokat lilhom fl-Anness II, li jkunu jirriflettu, skond il-każ, is-sehem nazzjonali, Komunitarju u dak ta' terzi pajjiżi fis-suq ta' l-Istat Membru.

   Il-lott li għandu jiġi mittieħed minnu l-kampjun irid ikun magħżul b'mod każwali, skond il-metodu ta' sorveljanza.

   Il-proċedura ta' kif jittieħdu l-kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, trid tkun konformi mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE.

2. Mill-ammont totali ta' kampjuni stabbilit fl-Annessi I u II, kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza:

   (a) mill-inqas għaxar kampjuni ta' l-ikel tat-trabi li huma bbażati prinċipalment fuq ħxejjex, frott jew ċereali.

   (b) għadd ta' kampjuni (fejn ikun disponibbli, mill-inqas kampjun wieħed) minn produzzjoni li originat minn biedja organika li tirrifletti s-sehem mis-suq tal-produzzjoni organika fi ħdan kull Stat Membru

3. L-Istati Membri huma mistiedna li jirrappurtaw ir-riżultati mill-analiżi tal-kampjuni ttestjati għall-kombinazzjonijiet ta' residwu minn pestiċida/prodott stipulati fl-Anness I sa mhux iktar tard mill-31 ta Awissu 2008, u jindikaw:

   (a) Il-metodi analitiċi li jkunu ntużaw u l-livelli ta' rappurtar li jkunu nkisbu, skond il-Proċeduri ta' Kontroll tal-Kwalità għall-Analiżi tar-Residwu ta' Pestiċida;

   (b) L-għadd u t-tip ta' ksur li nstab, u x'azzjoni tkun ittieħdet.

4. Ir-rapport irid isir skond format – inkluż il-format elettroniku – li huwa konformi mal-linji ta' gwida għall-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar programmi ta' monitoraġġ tal-Komunità pprovduti mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

   Ir-riżultati miksuba minn kampjuni ta' l-ikel tat-trabi u minn kampjuni meħuda minn prodotti ta' biedja organika għandhom jiġu rrappurtati fuq formoli separati tad-*data*.

([1]) ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30.
([2]) ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1, kif ikkorrett bil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([3]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83. Ir-Regolament hekk kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 47).
([4]) ĠU L 175, 4.7.1991, p. 35. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/82/KE (ĠU L 2006/82/KE, (ĠU L 362, 20.12.2006, p. 47).
([5]) ĠU L 49, 28.2.1996, p. 17. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/13/KE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 33).

5. L-Istati Membri huma mistiedna biex jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2007, it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 86/362/KEE u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 90/642/KEE dwar l-eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' l-2006, biex tkun żgurata, mill-inqas b'kampjun ta' verifika, il-konformità ma' l-ogħla livelli ta' residwu ta' pestiċida, li jinkludi:

(a) Ir-riżultati tal-programmi nazzjonali dwar ir-residwi tal-pestiċida;

(b) L-informazzjoni dwar il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità fil-laboratorji tagħhom u, partikolarment, l-informazzjoni dwar aspetti tal-linjigwida li jikkonċernaw il-Proċeduri ta' Kontroll ta' Kwalità għall-Analiżi ta' Residwi minn Pestiċidi li ma setgħux japplikaw jew li kellhom xi diffikultà biex japplikawhom;

(ċ) Informazzjoni dwar l-akkreditazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12 tad-Direttiva (KEE) 882/2004 (li tinkludi t-tip ta' akkreditazzjoni, l-awtorità li toħroġ l-akkreditazzjoni u kopja taċ-ċertifikat ta' l-akkreditazzjoni) tal-laboratorji li jagħmlu l-analiżi;

(d) L-informazzjoni dwar it-testijiet ta' profiċjenza u dwar testijiet ċirkulari li l-laboratorju jkun ħa sehem fihom.

6. L-Istati Membri huma mistiedna li jibagħtu lill-Kummissjoni, mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2007, il-programm nazzjonali tagħhom ippjanat għall-monitoraġġ ta' livelli massimi ta' residwi minn pestiċidi li ġew stipulati mid-Direttivi 90/642/KEE u 86/362/KEE għas-sena 2008, inkluża l-informazzjoni dwar:

(a) Il-kriterji applikati biex ikun ddeterminat l-għadd ta' kampjuni li jridu jinġabru u l-analiżi li jridu jsiru fuqhom,

(b) Il-livelli ta' rappurtaġġ applikati u l-kriterji li bihom ġew stipulati l-livelli ta' rappurtaġġ, u

(ċ) Dettalji dwar l-akkreditazzjoni, taħt ir-Regolament (KE) 882/2004, tal-laboratorji li jagħmlu l-analiżi. .

Magħmul fi Brussell, 3 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

## KOMBINAZZJONIJIET TA' PRODOTT/PESTIĊIDA LI GĦANDHOM JIĠU SSORVELJATI

| | 2007 | 2008 (*) | 2009 (*) |
|---|---|---|---|
| Acephate | (c) | (a) | (b) |
| Acetamiprid | (c) | (a) | (b) |
| Aldicarb | (c) | (a) | (b) |
| Amitraz | | (a) | (b) |
| Azinphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Azoxystrobin | (c) | (a) | (b) |
| Benomyl + carbendazim (expressed as carbendazim) | (c) | (a) | (b) |
| Bifenthrin | (c) | (a) | (b) |
| Bromide total | | (a) | (b) |
| Bromopropylate | (c) | (a) | (b) |
| Bupirimate | (c) | (a) | (b) |
| Buprofezin | (c) | (a) | (b) |
| Captan | (c) | (a) | (b) |
| Folpet | (c) | (a) | (b) |
| Carbaryl | (c) | (a) | (b) |
| chlofentezin | | (a) | (b) |
| Chlormequat (**) | (c) | (a) | (b) |
| Chlorothalonil | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpropham | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Cypermethrin | (c) | (a) | (b) |
| Cyprodinil | (c) | (a) | (b) |
| Deltamethrin | (c) | (a) | (b) |
| Diazinon | (c) | (a) | (b) |
| Dichlofluanid | (c) | (a) | (b) |
| Dichlorvos | (c) | (a) | (b) |
| Dicofol | (c) | (a) | (b) |
| Dimethoate + Omethoate (total espress bhala dimethoate) | (c) | (a) | (b) |
| dinocap | | (a) | (b) |
| Diphenylamine | (c) | (a) | (b) |
| Endosulfan | (c) | (a) | (b) |

| | 2007 | 2008 (*) | 2009 (*) |
|---|---|---|---|
| fenarimol | | (a) | (b) |
| Fenhexamid | (c) | (a) | (b) |
| Fenitrothion | (c) | (a) | (b) |
| Fludioxonil | (c) | (a) | (b) |
| flusilazole | | (a) | (b) |
| Glyphosate (***) | | (a) | (b) |
| Hexaconazole | | (a) | (b) |
| Hexythiazox | (c) | (a) | (b) |
| Imazalil | (c) | (a) | (b) |
| Imidacloprid | (c) | (a) | (b) |
| Indoxacarb | (c) | (a) | (b) |
| Iprodione | (c) | (a) | (b) |
| Iprovalicarb | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Lambda-cyhalothrin | (c) | (a) | (b) |
| Malathion | (c) | (a) | (b) |
| Maneb group | (c) | (a) | (b) |
| Mepanipyrim | (c) | (a) | (b) |
| Mepiquat (**) | | (a) | (b) |
| Metalaxyl | (c) | (a) | (b) |
| Methamidophos | (c) | (a) | (b) |
| Methidathion | (c) | (a) | (b) |
| Methiocarb | (c) | (a) | (b) |
| Methomyl/Thiodicarb (total express bħala methomyl) | (c) | (a) | (b) |
| Myclobutanil | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Parathion | (c) | (a) | (b) |
| Penconazole | (c) | (a) | (b) |
| Phosalone | (c) | (a) | (b) |
| Pirimicarb | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Prochloraz | (c) | (a) | (b) |
| Procymidone | (c) | (a) | (b) |
| Profenofos | (c) | (a) | (b) |
| Propargite | (c) | (a) | (b) |

| | 2007 | 2008 (*) | 2009 (*) |
|---|---|---|---|
| Pyrethrins | (c) | (a) | (b) |
| Pyrimethanil | (c) | (a) | (b) |
| Pyriproxyfen | (c) | (a) | (b) |
| Oxamyl | (c) | (a) | (b) |
| Quinoxyfen | (c) | (a) | (b) |
| Spiroxamine | (c) | (a) | (b) |
| Tebuconazole | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Tebufenozide | (c) | (a) | (b) |
| trifloxystrobin | | (a) | (b) |
| Thiabendazole | (c) | (a) | (b) |
| Chlorpyriphos-methyl | (c) | (a) | (b) |
| Tolylfluanid | (c) | (a) | (b) |
| Triademefon + Triadimenol<br>(expressed as sum of triadimenol and triadimefon) | (c) | (a) | (b) |
| Vinclozolin | (c) | (a) | (b) |

(a) Fażola (friska jew iffriżata), zunnarija, ħjar, lariġ jew mandolin, lanġas, patata, ross, spinaċi (friska jew iffriżata)

(b) Brunġiel, banana, pastard, għeneb, meraq tal-lariġ ([1]), piżelli (friski/iffriżati, mingħajr miżwed), bżar (ħelu), qamħ

(c) Tuffieħ, kaboċċi, kurrat, ħass, tadam, ħawħ inklużi in-nuċiprisk u ibridi simili; segala jew ħafur, frawli

(*) Indikattiv għal 2008 u 2009 suġġett għall-programmi li jkunu rakkomandati għal dawn is-snin.

(**) Il-Chlormequat u l-mepiquat trid issir analiżi għalihom fiċ-ċereali, iż-zunnarija, il-ħxejjex tal-frott u l-lanġas.

(***) Ċereali biss.

([1]) Għall-meraq tal-lariġ, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sors (konċentrati jew frott frisk).

*ANNESS II*

L-għadd ta' kampjuni ta' kull prodott li għandhom jittieħdu minn kull Stat Membru.

| Kodiċi tal-pajjiż | Kampjuni | Kodiċi tal-pajjiż | Kampjuni |
|---|---|---|---|
| AT | 12 (*)<br>15 (**) | IE | 12 (*)<br>15 (**) |
| B | 12 (*)<br>15 (**) | LU | 12 (*)<br>15 (**) |
| BG | 12 (*)<br>15 (**) | LT | 12 (*)<br>15 (**) |
| CY | 12 (*)<br>15 (**) | LV | 12 (*)<br>15 (**) |
| CZ | 12 (*)<br>15 (**) | MT | 12 (*)<br>15 (**) |
| DE | 93 | NL | 17 |
| DK | 12 (*)<br>15 (**) | PT | 12 (*)<br>15 (**) |
| ES | 45 | PL | 45 |
| EE | 12 (*)<br>15 (**) | RO | 17 |
| EL | 12 (*)<br>15 (**) | SE | 12 (*)<br>15 (**) |
| FR | 66 | SI | 12 (*)<br>15 (**) |
| FI | 12 (*)<br>15 (**) | SK | 12 (*)<br>15 (**) |
| HU | 12 (*)<br>15 (**) | | |
| IT | 65 | UK | 66 |
| Numru totali minimu ta' kampjuni 642 | | | |

(*) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.
(**) Għadd minimu ta' kampjuni għal kull metodu applikat għal residwu uniku.